

Kawża T-291/04

Enviro Tech Europe Ltd u Enviro Tech International, Inc.

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Ambjent u protezzjoni tal-konsumaturi — Klassifikazzjoni, ippakkjar u ttikkettjar ta’ n-propil bromid bħala sustanza perikoluża — Direttiva 2004/73/KE — Direttiva 67/548/KEE — Regolament (KE) Nru 1272/2008 — Rikors għal annullament — Talba tardiva għall-adattament tat-talbiet — Interess ġuridiku — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tad-Direttiva 2004/73 — Identikità tas-suġġett”

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-16 ta’ Diċembru 2011 . . . II - 8287

Sommarju tas-sentenza

1. *Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Interess li jiġi stmat fid-data tal-preżentata tar-rikors — Skadenza tal-att ikkontestat fil-mori tal-kawża — Att li jkun intuża bħala bażi għal miżuri nazzjonali repressivi fir-rigward tar-rikorrent — Żamma tal-interess ġuridiku
(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 230 KE)*
2. *Proċedura — Att li jħassar u li jissostitwixxi l-att ikkontestat fil-mori tal-kawża — Talba għall-adattament tat-talbiet għal annullament
(il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 111 u 113)*

3. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Possibbiltà li persuna tkun ikkonċernata individwalment minn att ta' natura ġenerali — Kundizzjonijiet — Klassifikazzjoni, mid-Direttiva 2004/73, ta' sustanza bħala sustanza perikoluża*
(*ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Direttiva tal-Kunsill 67/548; Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73*)
4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Talba għad-danni bbażata fuq l-illegalità tal-klassifikazzjoni, mid-Direttiva 2004/73, ta' sustanza bħala sustanza perikoluża*
(*it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE*)

1. L-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu, fid-dawl tas-suġġett tar-rikors, ikun preżenti fil-mument li fih dan jitressaq, u fin-nuqqas ta' dan, ir-rikors għandu jitqies inammissibbli. Dan l-għan tal-kawża, bħal fil-każ tal-interess ġuridiku, irid jissussisti sad-deċiżjoni ġudizzjarja, u fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm bżonn li tingħata deċiżjoni, u dan jimplika li r-rikors, jekk jirnexxi, ikun ta' benefiċċju għall-parti li tkun ippreżentatu. Għaldaqstant, l-eventwali skadenza matul il-kawża ta' att ikkontestat ma timplikax, fiha nfisha, l-obbligu tal-qorti tal-Unjoni li tiddeċiedi li ma hemmx lok għal deċiżjoni peress li ma hemmx skop għall-kawża jew peress li ma hemmx interess ġuridiku fid-data li fiha tingħata s-sentenza.

tannulla att li tipproduċi effett *ex tunc* billi telimina l-att inkwistjoni b'effett retroattiv mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni bħallikieku qatt ma eżista, is-sempliċi konstatazzjoni ta' revoka jew ta' skadenza tal-imsemmi att, jew anki konstatazzjoni eventwali tal-illegalità tiegħu b'risposta għal talba għall-kumpens, ma humiex biżżejjed biex jiproteġu r-rikorrent li jkun talab għall-annullament tal-att inkwistjoni kontra l-miżuri nazzjonali repressivi meħuda fil-konfront tiegħu, li l-bażi ġuridika tagħhom hija kkostitwita mir-regoli nazzjonali stabbiliti mill-Istat Membru inkwistjoni sabiex jikkonforma mal-obbligu ta' traspożizzjoni tal-att ikkontestat, billi, kuntrarjament għal sentenza ta' annullament ta' att, tali konstatazzjonijiet bħala prinċipju għandhom biss effett *ex nunc* u limitat biss għall-kawża għad-danni u ma jeliminawx b'mod retroattiv il-bażi legali ta' dawn il-miżuri.

Fil-kuntest ta' rikors għal annullament, peress li l-att li jkun qed jintalab l-annullament tiegħu jkun diġà pproduċa effetti ġuridiċi vinkolanti fuq livell nazzjonali, u li hija biss sentenza li

(ara l-punti 84, 86-89)

2. Meta att, waqt il-proċeduri, jiġi ssostitwit b'att li għandu l-istess suġġett, dan għandu jitqies bħala element ġdid li jippermetti lir-rikorrent li jadatta t-talbiet u l-motivi tiegħu. Madankollu, adattament tat-talbiet wara l-iskadenza tat-terminu ta' rikors previst għal dan il-għan fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE huwa inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, konformi mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' trattament ugwali tal-persuni quddiem il-liġi, il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, jistabbilixxi terminu għal rikors għal raġuni ta' ordni pubbliku, li huwa fissa, assolut u li ma jistax jittawwal. Kull deroga jew estensjoni tat-terminu mogħti mill-qorti tal-Unjoni, anki jekk bi qbil unanimu mill-partijiet, tkun kuntrarja għall-iffomular u għall-ekonomija ta' din id-dispożizzjoni hekk kif kienet l-intenzjoni tal-awturi tat-Trattat. Barra minn hekk, il-kriterji ta' ordni pubbliku, fis-sens tal-Artikoli 111 u 113 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jimponu lil din tal-aħħar li tiddikjara inammissibbli jew rikors għal annullament jew talba għall-adattament tat-talbiet għal annullament, ma jistgħux jirċievu interpretazzjoni restrittiva, sabiex ma jkunx possibbli, b'mod kuntrarju għall-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' trattament ugwali quddiem il-liġi, li jiġu evitati d-dispożizzjonijiet mandatorji tat-Trattat li jirregolaw b'mod partikolari t-termini ta' rikors.

Għalhekk, it-talba għall-adattament tat-talbiet ta' rikorrent li, intenzjonalment jew b'negliġenza, jkun naqas milli jippreżenta rikors għal annullament fil-konfront tal-att li seħħ fil-mori tal-kawża jew li jitolb adattament korrispondenti

għat-talbiet tiegħu fit-terminu ta' rikors previst għal dan il-għan, anki jekk dan kien manifestament f'pożizzjoni li jagħmel hekk u li tali approċċ seta' kien raġonevolment mistenni minnu, hija manifestament tardiva u għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli. Il-fatt li l-proċeduri diġà mibdija kienu sospiżi, skont l-Artikolu 77(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 79(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-att li seħħ fil-mori tal-kawża huwa irrilevanti, billi din is-sospensjoni ma setgħetx taffettwa l-iskadenza tat-terminu ta' rikors imsemmi fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

(ara l-punti 94-97)

3. Il-fatt li att ikollu, min-natura u l-portata tiegħu, applikazzjoni ġenerali peress li jkun japplika għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati iġenerali ma jeskludix minħabba f'hekk li dan jista' jikkonċerna individwalment lil uħud minn dawn l-operaturi fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Għalhekk, meta deċiżjoni tolgot grupp ta' persuni li kienu identifikati jew setgħu jiġu identifikati fil-mument meta ttieħed dan l-att u abbażi ta' kriterji partikolari għall-membri ta' dan il-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn dan l-att minħabba li jagħmlu parti minn grupp limitat ta' operaturi

ekonomiċi. Madankollu, il-possibbiltà li jiġu ddeterminati, bi fteit jew wisq preċiżjoni, in-numru jew saħnsitra l-identità tal-individwi li għalihom tapplika miżura b'ebda mod ma timplika li dawn l-individwi għandhom jitqiesu bħala kkonċernati individwalment minn din il-miżura, meta jkun stabbilit li din l-applikazzjoni ssir abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt u ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni.

inizjali ta' din is-sustanza u lanqas ta' dik effettwata mid-Direttiva 2004/73.

Il-kundizzjonijiet li jippermettu l-konstatazzjoni li hemm ċirku ristrett ta' operaturi, effettwati minn din il-klassifikazzjoni, lanqas ma huma sodisfatti fl-assenza ta' preċiżjoni affidabbli dwar l-identità, in-numru u s-sitwazzjoni tal-operaturi kkonċernati, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet dwar jekk huma għandhomx jew le pożizzjoni fis-suq jew drittijiet simili li kienu jeżistu minn qabel jew jekk isostnux jew le effetti negattivi simili għal dawk li jeffettwaw lir-rikorrent.

Għalhekk, il-parteċipazzjoni ta' rikorrent fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni, permezz tad-Direttiva 2004/73, li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva 67/548, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardjaw il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi, tal-klassifikazzjoni ta' n-propil bromid bħala sustanza li tiegħu n-nar malajr ħafna u tossika għar-riproduzzjoni, ma hijiex biżżejjed, fl-assenza ta' garanziji proċedurali previsti fir-rigward tiegħu mir-regolamenti rilevanti, sabiex turi l-eżistenza tal-*locus standi* tiegħu kontra din id-direttiva. F'dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikorrent ma jistax jallega li huwa distint individwalment fir-rigward tal-miżura kkontestata, partikolarment meta dawn la kienu fl-orijini tal-klassifikazzjoni

Barra minn hekk, ma huwiex biżżejjed li ċerti operaturi jiġu iktar ekonomikament effettwati minn att ta' portata ġenerali milli minn oħrajn sabiex jkun distinti individwalment mill-operaturi l-oħra, billi l-implementazzjoni ta' dan l-att isir permezz ta' sitwazzjoni oġġettivament determinata. Il-fatt biss li rikorrent jista' jitlef sors importanti ta' dħul minħabba regolament ġdid ma jipprova li huwa f'sitwazzjoni speċifika u mhux biżżejjed biex juri li dan ir-regolament jikkonċernah individwalment, ir-rikorrent għandu jipproduċi prova

ta' ċirkustanzi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li d-dannu allegatament subit huwa ta' natura li jindividwalizzah fir-rigward ta' kull operatur ekonomiku ieħor ikkonċernat bl-istess mod bħalu minn dan ir-regolament. Għalhekk, l-ipoteżi li tgħid li r-rikorrent, wara d-dħul fis-seħħ u l-implementazzjoni tal-klassifikazzjoni kkontestata, isostni telf ekonomiku sostanzjali ma jiġġustifikax minnu nnifsu li jgħaraf li huwa individwalment ikkonċernat. Bl-istess mod, ma huwiex biżżejjed sabiex jiddistingwih il-fatt li kkonċentra l-produzzjoni tiegħu fuq sustanza meta hemm operaturi oħra li ma humiex identifikati jew ikkwantifikati, ikkonċernati minn din l-istess leġiżlazzjoni, liema grupp li jagħmel parti minnu huwa suxxettibbli li jiġi emendat mill-klassifikazzjoni kkontestata li taffettwa l-prodotti tagħhom bl-istess mod kif taffettwa l-prodotti tar-rikorrent.

Barra minn hekk, dritt ta' rikorrent li kien jeżisti minn qabel, li huwa bbażat fuq liċenzja esklużiva ta' użu ta' invenzjoni brevettata bbażata fuq prodott li fih din is-sustanza, lanqas ma jista' jindividwalizzah bħala destinatariju tad-direttiva kkontestata. Fil-fatt, l-eventwali eżistenza ta' dritt miksub jew individwali, li jinkludi dritt għall-proprjetà, li l-portata jew l-eżerċizzju huwa potenzjalment effettwat mill-att ikkontestat, ma hijhiex fiha nfisha tali li tidistingwi lid-detentur ta' dan id-dritt, b'mod partikolari meta operaturi oħra

x'aktarx li jkollhom drittijiet simili u, għalhekk, ikunu fl-istess pożizzjoni bħal dik ta' dan id-detentur.

(ara l-punti 101, 103, 104, 106, 109-112, 114, 116)

4. Ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni minħabba f'agħir illegali tal-organi tagħha, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, huwa suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti, jiġifieri l-illegalità tal-agħir allegat kontra l-istituzzjonijiet, l-eżistenza ta' dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat agħir u d-dannu invokat. Minħabba n-natura kumulattiva ta' dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu meta waħda biss minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix sodisfatta.

F'dan ir-rigward, għal dak li jikkonċerna talba għad-danni bbażata fuq l-illegalità tal-klassifikazzjoni, mid-Direttiva 2004/73, li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva 67/548 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardjaw il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi, ta' n-propil bromid bħala sustanza fjamabbli ħafna u tossika għar-riproduzzjoni, l-illegalità ma tistax tiġi stabbilita meta, f'sentenza preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadhet, fir-rigward tad-domandi preliminari magħmula lilha, l-ilmenti li jkkontestaw il-validità ta' din il-klassifikazzjoni, ilmenti essenzjalment riprodotti mir-rikorrent fil-kuntest

tat-talba tiegħu għal kumpens. Fil-fatt, meta s-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali jikkoinċidi fil-biċċa l-kbira ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha quddiemha fil-kuntest ta' kawża oħra, meta kemm ir-rikorrent kif ukoll l-istituzzjoni konvenuta pparteċipaw fiż-żewġ proċeduri, meta l-att li l-validità tiegħu għet ikkontestata huwa identiku, meta l-ilmenti għall-annullament tiegħu jew li jiġi invalidat kienu essenzjalment l-istess u meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun

ikkonfermat il-legalità tal-att ikkontestat, il-Qorti Ġenerali ma tistax iktar tiegħu inkunsiderazzjoni din l-evalwazzjoni.

(ara l-punti 122, 123, 137, 138)